SAN GILJAN

**KUNSILL LOKALI SAN ĠILJAN**
**Triq Forrest, San Ġiljan, STJ 2033**
Tel: 21373111 Fax: 21373444
email: sangiljan.lc@gov.mt

**Rif Minuti 15/K7/13**

**Nru tal-laqgħa minn 07/04/'94 – 28/05/'13 298**

**Nru ta' seduti minn 07/04/'94 – 28/05/'13 353**

## 1. Introduzzjoni

1.01 Minuti tal-laqgħa ta' nhar it-Tlieta 28 ta' Mejju 2013

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv, Triq Forrest, San Ġiljan, fit-2.00 p.m.

1.03 Preżenti: Is-Sindku Peter Bonello
Il-Kunsillier Anthony Grech
Il-Kunsillier Norman Vella
Il-Kunsillier John Agius
Il-Kunsillier Alex Grech
Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli
Il-Kunsilliera Irene Borg
Il-Kunsillier Richard Scicluna
Is-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker
L-iskrivana Cher Carmen Fenech.

1.04 Assenti: (0)

1.05 Skużati: (1) Il-Viċi Sindku Charles Camenzuli (Ara. Inc. 2769/13)

1.06 Preżenza tal-Pubbliku:- (0).

1.07 Is-Sindku Peter Bonello ppresieda l-laqgħa.

## 1.1 Talba

1.1.01 Inqrat it-Talba.

## 1.2 Aġenda

1.2.01 Il-Kunsill mexa' fuq l-avviż li ġie ppubblikat fit-22 ta' Mejju 2013. L- Aġenda kienet hekk:-

1. Approvazzjoni ta' Minuti
2. Korrispondenza
3. Management Letter
4. Rapport Annwali Amministrattiv
5. Tenders
   - Ġbir ta' Skart Goff
   - Tindif tat-Toroq
   - Tindif, Manutenzjoni u Żamma tal-Latrini Pubbliċi
6. Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-Kontijiet
7. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets

## 1.3 Approvazzjoni ta' Minuti

1.3.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Minuti 14/K7/13 għall-approvazzjoni.

1.3.02 Il-Kunsillier Richard Scicluna ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti 14/K7/13.

1.3.03 Il-Kunsillier Norman Vella ssekondah.

1.3.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 1.4 Minuti - Kumitat Amministrattiv

1.4.01 Il-Kunsill approva unanimament il-Minuti 28/KA1/13 u 29/KA1/13 tal-Kumitat Amministrattiv Paceville (Ara Appendiċi 'A' u 'B').

1.4.02 Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni.

# 2. Korrispondenza

2.01 Fuq il-mejda tal-konferenza tqegħdet il-korrispondenza li nqrat miċ-Ċermen. Dawn huma:-

| **Rif. Nru.** | **Korrispondenza** |
|---|---|
| 2206 | Email mingħand il-Perit Audrey Testaferrata Denoto rigward talba għall-Un/Loading Bay fix-Xatt ta' San Ġorġ viċin il-Corinthia Marina Hotel. |
| 2208 & K591 | Email mingħand Ludwig Dimech rigward ix-xogħolijiet fuq il-moll in-naħa tal-Lukanda Cavallieri. |
| 2217 & K608 | Rapport mingħand Solid Base Laboratory Ltd rigward kunsentura ġdida fil-*Boardroom* tal-Kunsill. |
| 2288 | Email mingħand is-Sur Keith Caruana rigward l-awguri li ntbagħtu lill-Onorevoli Stefan Bountempo. |
| 2291 | Email mingħand il-Perit Audrey Testaferrata Denoto rigward tabelli tal-*exhaust pipe* 'l-barra fil-Pjazza Spinola quddiem Tony's Bar. |
| 2397 | Email mingħand is-Sur Pio Farrugia rigward l-allokazzjoni finanzjarja Jannar – Diċembru 2013. |
| 2451&K621 | Korrispondenza mal-Perit Stephen Farrugia rigward id-Dar tal-Anzjani u l-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali. |
| 2751 | Email mingħand is-Supt. Stephen Gatt rigward bejgħ ta' oġġetti mad-dawra tal-*promenade*. |
| 2753 | Email mingħand it-Transport Malta rigward is-*sleeping policeman* fi Triq il-Kbira fil-ġenb tal-pjazza tal-Balluta. |
| 2756, K563, | Korrispondenza mingħand l-Avukat Stefano Filletti u l-Perit Stephen Farrugia rigward il-Kuntratt tal-*Public Private Partnership.* |
| 2769 | Email mingħand il-Viċi-Sindku, is-Sur Charles Camenzuli rigward l-attendenza għal-laqgħa ta' Mejju 2013. |
| 2822 | Email mingħand l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali rigward Proġett *Youth in Action.* |

2895 Email mingħand l-ANSEK rigward sħubija fl-ANSEK għall-Kunsilli Lokali.

**Fost l-ittri li nqraw ġew diskussi:-**

**Rif Nru: 2206**

2.02 Saret riferenza għall-email mingħand il-Perit Audrey Testaferrata Denoto b'konnessjoni ma' talba għall-Un/loading Bay fix-Xatt ta' San Ġorġ viċin il-Corinthia Marina Hotel. Ġie deċiż unanimament li tintbagħat ir-risposta li din it-talba qed issir biex ikunu jistgħu jniżżlu d-diesel, u affarijiet oħra tas-sajjieda peress li t-triq hija '*one* way' u ma jistgħux jieqfu karozzi fiha. Pero' hemm spazju biżżejjed fejn issir un/loading bay.

2.03 Il-Kunsillier Alex Grech wasal fis-2.10p.m.

**Rif Nru. 2208 & K591**

2.04 B'riferenza għall-ittra ta' l-LK Ltd., il-Kunsill ġie nfurmat li saret laqgħa mal-Perit nhar it-Tnejn 6 ta' Mejju 2013 fl-10.00a.m. Għal din il-laqgħa kienu preżenti l-Perit Stephen Farrugia, is-Sur Albert Borg, is-Sur Ludwig Dimech, is-Sindku Peter Bonello u s-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker. Wara li ġiet diskussa din il-materja, ġie miftiehem li l-Perit jibgħat rapport bil-miktub lill-Kunsill u wara jipprepara l-applikazzjoni biex issir talba lill-MEPA biex jiżdiedu l-fondi tal-UIF fuq dan il-proġett.

2.05 Is-Segretarju Eżekuttiv ġiet nfurmata verbalment, ftit qabel il-laqgħa, li dan ir-rapport qed isir.

**Rif Nru. 2217 & K608**

2.06 Saret riferenza għar-rapport mingħand Solid Base Laboratory Ltd rigward kunsentura ġdida fil-*Boardroom*. Il-Kunsill ġie nfurmat li din il-materja ntbaghatet lill-Perit tal-Kunsill għall-gwida tiegħu iżda għadu ma bagħtx *feedback.*

**Rif Nru. 2397**

2.07 B' riferenza għal 'Allokazzjoni Finanzjarja Jannar – Diċembru 2013 li tammonta għal €617,189.00 inġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li skond korrispondenza oħra li l-Kunsill kien irċieva f' Jannar 2013 (Rif. Inc. 52/13 – Ara Appendici 'C'), meta din tiġi kkalkulata fuq sena finanzjara, jirriżulta li l-allokazzjoni tal-Kunsill tnaqqset b' €12,772.00.

2.08 **Rif Nru. 2751**

Saret riferenza għall-email mingħand is-Supt. Stephen Gatt rigward bejgħ ta' oġġetti mad-dawra tal-*promenade.* Wara diskussjoni qasira, ġie deċiż unanimament li tintalab kjarifika mingħand is-Supretendent dwar jekk il-permess tat-trading huwiex ta' *hawker* jew ta' *busker* u jekk min ikollu dawn it-tip ta' permessi għandhomx id-dritt li jarmaw anke' f'postijiet fejn il-Kunsill ikollu 'Bye Laws'.

2.09 **Rif Nru. 2753**

Saret riferenza għall-email mingħand it-Transport Malta rigward is-*sleeping policeman* fi Triq il-Kbira fil-ġenb tal-Pjazza Balluta. Wara diskussjoni qasira, ġie deċiż unanimament li l-Kunsill jitlob lit-Transport Malta li t-talba li saret terġa tiġi kkunsidrata peress li f'din il-parti tat-triq isir sewqan eċċessiv fejn ikun hemm ħafna tfal u pubbliku fil-pjazza.

2.10 **Rif Nru. 2756, K563 & 2953**

B'riferenza għall-korrispondenza mingħand l-Avukat Stefano Filletti u l-Perit Stephen Farrugia b'konnessjoni mal-kuntratt tal-PPP, il-Kunsill ġie nfurmat li:-

a) l-Avukat verbalment talab li l-Perit jagħti stima biex jiġi ppontifikat id-danni għax-xogħolijiet li ma sarux skond id-dokument tat-tender. Dan biex ikun jista' jipproċedi legalment.

b) Fir-rigward il-ħruġ ta' '*default notice'* il-parir tal-Perit huwa li jinħareġ tender ġdid (Ara inc. 2953/13).

c) Sadanitant saret laqgħa mas-Sur Michael Cohen il-Private Advisor tas-Segretarju Parlamentari, l-Onor.

Jose’ Herrera (Ara Appendiċi ‘D’) fejn ġie nfurmat bil-problema tal-kuntrattur tal-*Public Private Partnership* fir-rigward tar-rati tat-tender peress li l-materjal għola ħafna. Hawnhekk is-Sur Cohen ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li l-Gvern mhux ser jagħti aktar fondi minn dawk li diġa ġew approvati iżda l-Kunsill jista’ jagħmel talba lid-Direttur għall-Gvern Lokali biex tiġi kkunsidrata. Dan dment li l-Kunsill jagħmel tajjeb għad-differenza fir-rata tat-tender u li t-talba li ssir mill-Kunsill ma tmurx kontra r-regolament finanzjarji iġifieri li t-talba riveduta ma taqbiżx l-20% ta’ l-ammont tat-tender u li jsiru l-istess ammont tat-toroq. Fin-nuqqas ta’ dan il-Kunsill ingħata l-parir li jinħareġ tender ġdid.

d) Nhar il-Ħamis 30 ta’ Mejju 2013 ser issir laqgħa mall-Ministru għat-Trasport u l-Infrastruttura, l-Onor. Joe Mizzi, fejn ser terġa’ tiġi mqajma din il-problema.

2.11 Hawnhekk iċ-Ċermen talab sospenzjoni tal-laqgħa peress li l-Kuntrattur Polidano Bros. talab li jiddiskuti l-materja tal-PPP.

2.12 Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni.

2.13 Il-laqgħa ġiet sospiża fit-2.55p.m.

2.14 Il-laqgħa tkompliet fit-3.00p.m.

2.15 Waqt li saret is-sospenzjoni tal-laqgħa, il-Kunsill talab lill-Kuntrattur Polidano biex sa l-għada fit-3.45p.m. jippreżenta ir-rati tat-tenders riveduti. Dan biex il-Kunsill jagħmel talba lid-Direttur għall-Gvern Lokali.

2.16 F’dan l-istadju ġie deċiż unanimament li l-Kunsill ma jkomplix bil-proċeduri legali kontra Polidano Bros., il-kuntrattur tal-PPP dment li dan jippreżenta r-rati tat-tenders riveduti kif miftiehem f’paragrafu 2.14.

2.17 Malli l-Kunsill jirċievi r-rati riveduti mill-Kuntrattur, tintbagħat talba lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali għal konsiderazzjoni.

2.18 Fir-rigward id-‘default notices’ dawn mhux ser jintbagħtu għar-raġunijiet motgħija mill-Perit. (Ara inc. 2953/13).

2.19 **Rif Nru. 2769**

B'riferenza għall-email mingħand il-Viċi-Sindku, is-Sur Charles Camenzuli rigward l-attendenza għal-laqgħa ta' Mejju 2013, ġie deċiż unanimament li jiġi skużat.

2.20 **Rif Nru. 2895**

Saret riferenza għall-email mingħand l-ANSEK rigward is-sħubija fl-ANSEK għall-Kunsilli Lokali. Ġie deċiż unanimament li l-Kunsill jaċċetta li jissieħeb fl-ANSEK.

## 3. Management Letter

3.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat bil-Management Letter u r-risposta tagħha (Ara Appendiċi 'E' u 'F').

3.02 B'riferenza għal item 14 tal-Management Letter rigward *Bank Accounts,* il-Kunsill ġie nfurmat li ser tittieħed azzjoni għall-kummenti ta' l-awdituri u ser jinfetaħ *bank account* fejn ser jiġu depożitati fih il-fondi li l-Kunsill irċieva jew li jista' jirċievi għall-proġetti kif ukoll ser jiġu depożitati dawk il-fondi li l-Kunsill iddeċieda jew li jista' jiddeċiedi li jintużaw fuq proġetti.

3.03 Wara diskussjoni qasira, l-Kunsillier Alex Grech ppropona r-risposta għall-Management Letter.

3.04 Il-Kunsillier Richard Scicluna ssekondah.

3.05 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 4. Rapport Annwali Amministrattiv

4.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat bir-Rapport Annwali Amministrattiv (Ara Appendici 'G').

4.02 Wara diskussjoni qasira l-Kunsilliera Irene Borg ipproponiet r-Rapport Annwali Amministrattiv.

4.03 Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli ssekondata.

4.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**5. Tender: Ġbir ta' Skart Goff**

5.01 Il-Kunsill ġie pprezentat bis-*schedule* tal-offerti rigward it-Tender ta' Ġbir ta' Skart Goff (Ara Appendiċi 'H').

5.02 Il-Kunsillier John Agius ġie skużat fl-4.00p.m.

5.03 Wara diskussjoni qasira, il-Kunsillier Anthony Grech ippropona li tiġi aċċetata l-offerta tad-Dimbros Ltd.

5.04 Il-Kunsillier Richard Scicluna ssekondah.

5.05 Il-Kunsill qabel unanimament.

5.06 Il-Kunsill qabel li jkun hemm sistema biex ikun hemm kontroll fuq kemm jinġabar skart goff.

**Tender: Tindif tat-Toroq**

5.07 B'riferenza għat-tender tat-Tindif tat-Toroq, il-Kunsill ġie nfurmat li ntefgħu 8 offerti iżda għadu qed isir il-proċess ta' l-evalwazjoni tagħhom.

**Tender: Tindif, Manutenzjoni u Żamma tal-Latrini Pubbliċi**

5.08 B'riferenza għat-tender tat-Tindif, Manutenzjoni u Żamma tal-Latrini Pubbliċi, il-Kunsill ġie nfurmat li ntefgħu 7 offerti iżda għadu qed isir il-proċess ta' l-evalwazzjoni tagħhom.

**6. Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-Kontijiet.**

6.01 Iċ-Ċermen ressaq il-pagamenti għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'I').

6.02 Il-Kunsillier Alex Grech ippropona l-approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet.

6.03 Il-Kunsillier Richard Scicluna issekondah.

6.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**7. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets**

7.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Purchase Request Sheets minn Nru. 3394 sa 3414 għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi ‘J’).

7.02 Il-Kunsillier Norman Vella ppropona l-approvazzjoni tal-Purchase Request Sheets minn Nru. 3394 sa 3414.

7.03 Il-Kunsillier Anthony Grech issekondah.

7.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

7.05 Iċ-Ċermen talab sospensjoni tar-regolamenti sabiex jiġu diskussi materji oħra.

7.06 Ma kienx hemm oġġezzjoni.

**8. Materji Oħra**

8.01 Il-Kunsill ġie nfurmat li l-laqgħa mal-Ministru ghat-Transport u Infrastruttura l-Onor. Joe Mizzi ser issir nhar il-Hamis 30 ta’ Mejju 2013 fil-11.30a.m fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

8.02 Il-Kunsill ġie ppreżentat bir-ritratt tal-bankina li qegħda faċċata tad-dar numru 19 (Ara Appendiċi ‘K’) u għall-Minuti 14/K7/13 Taqsima 7 Paragrafu 7.02. Hawnhekk ntalab li minn għamel it-talba biex tiġi rranġata l-bankina jipprovdi ritratt biex jindika il-post. Dan minħabba li mir-ritratt li ġew provduti dawn l-aħħar żewġ laqgħat juru li l-bankini huma fi stat tajjeb.

8.03 Il-Kunsill ġie ppreżentat b’rapport dwar il-konferenza ta’ l-ECAD (Ara Appendiċi ‘L’).

8.04 Fir-rigward l-offerti għall-ġbir ta’ l-iskart nhar ta’ Tlieta u l-Ġimgħa, Tender CMHWTFO 52-04/K7/2013, Il-Kunsill għadu qed jistenna l-evalwazzjoni tal-Perit. Madankollu l-Kunsill ġie nfurmat li għadu ma ngħata l-ebda fondi biex ikun jista’ jsir dan ix-xogħol.

8.05 B’riferenza għall-istedina mingħand is-St. Julian’s Choral Group għal attivita’ li ġiet imtella’ fl-okkażjoni ta’ l-10 anniversarju tal-Coro La Sisilla, l-Kunsill ingħata tifkira li qed

tiġi ppreżentata lill-Kunsill. Waqt l-attivita' s-Sindku rreċiproka l-istedina u stieden lill-President, lis-Sindku u lis-Segretarju tal-Kunsill ta' Montecchio Maggiore fejn ġie diskuss il-possibilta' ta' aktar koperazzjoni bejn iż-żewġ pajjiżi. Għal din l-istedina kien hemm nefqa ta' €53.75. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni li s-Sindku jiġi rimbursat għat-nefqa.

8.06 Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar il-Hamis 27 ta' Ġunju 2013 fis-2.30p.m.

8.07 Il-Kunsillier Anthony Grech ġie skużat fil-4.45p.m.

8.08 Ġie deċiż li:

a) Tintalab stima biex issir rampa ħdejn il-Merħba Pharmacy fi Triq ta' Ġiorni.

b) Jiġi rrapportat li fi Triq Andre' Marouis ħdejn Blokk E, l-area qed tintuża bħala *dumping area.*

c) Tintbagħat talba lill-ELC biex fejn hemm is-soft areas f' Ta' Ġiorni jistax jiżdied il-ħamrija.

8.09 Il-laqgħa ntemmet fil-5.10p.m.

| | |
|---|---|
| **Peter Bonello** | **Helen Walker** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |